# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-339/16 P**

**Ir-Repubblika Portugiża**
**vs**
**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell – FAEG u FAEŻR – Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea – Komunikazzjoni lid-destinatarju – Rettifika sussegwenti tal-għamla tal-istampar tal-anness – Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Bidu tad-dekorrenza – Tardività – Inammissibbiltà"

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-17 ta' Mejju 2017

1. *Appell – Aggravji – Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u tal-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali – Inammissibbiltà – Kontestazzjoni tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali – Ammissibbiltà*

   *[it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 168(1)(d) u Artikolu 169(2)]*

2. *Rikors għal annullament – Termini – Bidu tad-dekorrenza – Komunikazzjoni – Kunċett*

   *(is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE)*

3. *Rikors għal annullament – Termini – Bidu tad-dekorrenza – Data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni – Data li fiha l-att sar magħruf*

   *(is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)*

4. *Rikors għal annullament – Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni konfermattiva ta' deċiżjoni preċedenti li ma ġietx ikkontestata fit-termini mogħtija – Inammissibbiltà*

   *(Artikolu 263 TFUE)*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 19 u 20)

2. Minn qari flimkien tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE jirriżulta li, fir-rigward tar-rikorsi għal annullament, id-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġi ddeterminat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata tar-rikors hija dik tal-pubblikazzjoni, meta din il-pubblikazzjoni, li tikkondizzjona d-dħul fis-seħħ tal-att, hija prevista għal dan it-trattat u dik tal-komunikazzjoni fil-każijiet l-oħra msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, li fost in-numru tagħhom tidher dik tad-deċiżjonijiet li jindikaw id-destinatarju tagħhom. Minn dan jirriżulta li l-komunikazzjoni ta' att ma għandhiex karattru

sussidjarju, meta mqabbel mal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għad-determinazzjoni tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu tal-preżentata tar-rikors li japplika għad-destinatarju ta' dan l-att.

(ara l-punti 36 u 38)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 47)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 51)